

# Il-logħob tan-nar f'Malta

## *(it-tielet parti)*

**Kitba Carlston Grima B.A. (Hons) (Melit.), P.G.C.E. (Melit.), M.A. (Melit.)**

Il-logħob tan-nar huwa qasam li maż-żmien baqa' dejjem jiżviluppa, kemm fil-materjal kimiku kif ukoll fil-metodu addottat mill-pirotekniċi. Hemm ħafna differenzi żgħar bejn il-prodotti użati fil-manifattura tal-logħob tan-nar f'pajjiżi differenti, u anke fi ħdan l-istess pajjiż, illi l-esperti biss jindunaw bihom. Il-maġġoranza tal-ispettaturi jibqgħu affaxxinati b'ċertu effetti u jieħdu impressjoni ġenerali dwar l-ispettaklu sħiħ. L-espert jara xi ħaġa iktar. Hu jkun jaf mill-esperjenza x'jixtieq juri l-manifattur tan-nar, xi problemi seta' kien hemm u kemm laħaq is-suċċess li ried. Il-pirotekniku jkun kapaċi jagħraf il-kwalità tal-istilla u l-effiċjenza tan-nar tal-ajru u tal-art.

Tradizzjonalment, l-ispettakli kienu maħduma mill-istess pirotekniċi, imma llum ħafna mill-kumpaniji tan-nar barra minn Malta jixtru xogħol tan-nar Ċiniż u jaħarqu lilu. Xogħolhom ikun biss is-sinkronizzar tan-nar mal-mużika bl-użu tat-teknoloġija. Hu dejjem ta' vantaġġ li taħraq xogħol li tkun immanifatturajt int għax int tkun taf x'għamilt. Mill-1990 lil hawn, bil-komunikazzjoni permezz tal-internet u l-mowbajls, sar progress kbir fix-xows fejn bdew jintużaw sistemi kompjuterizzati għall-ħruq kif ukoll



*Waħda mis-sistemi kompjuterizzati li jintużaw*

fis-sulfarini (*igniters*). Il-logħob tan-nar beda jinħaraq b'iktar preċiżjoni skont ir-ritmu tal-mużika sinkronizzata miegħu.



*Is-sulfarini (ignitors)*

Inċidenti tan-nar isiru wkoll u għalhekk il-pirotekniku jrid dejjem jagħmel it-taħriġ neċessarju u jaġġorna ruħu biex l-inċidenti jiġu evitati. Il-liġijiet internazzjonali u r-regulazzjonijiet saru iktar stretti u l-istandards nazzjonali ġew imsemmija fil-mezzi tax-xandir biex b'hekk ikun hemm iktar ħarsien u sigurtà għall-pirotekniku. Il-kwalità tan-nar kompliet tiżdied, twaqqfu assoċjazzjonijiet għall-pirotekniċi u b'dawn il-kunċetti moderni, il-proċess tal-manifattura u l-użu tal-logħob tan-nar saru iktar siguri u affidabbli. Il-pirotekniċi jrid ikollhom il-liċenzja biex jimmanifatturaw ix-xogħol tan-nar apparti li jattendu l-korsijiet neċessarji b'eżamijiet li jsiru wara. Fl-1993 twaqqfet l-Għaqda Piroteknika Maltija b'kumitat u statut, wara li kien hemm soċjetà simili li spiċċat żmien qabel. Din l-Għaqda għadha attiva u tirrappreżenta ħafna kmamar tan-nar u dilettanti tan-nar b'mod kollettiv, meta jiġu biex jitkellmu mal-awtoritajiet. F'dawn l-aħħar snin il-kmamar tan-nar komplew jinvestu f'makkinarju u apparat ġdid, biex l-inċidenti jkomplu jonqsu apparti

li ssib dilettanti li jibnu l-għodod huma stess. Dan l-iżvilupp jagħti l-possibiltà li jkollok spettakli kbar li jinkludu l-mużika bl-użu ta' sistemi kompjuterizzati. Dan kollu jsir b'mod volontarju u b'sagrifiċċju kuljum (Farrugia 29).



*Ritratt David Vassallo: Festa San Nikola, Siġġiewi*

In-numru ta' kmamar tan-nar f'Malta u Għawdex, li huma attivi u jaħdmu b'mod volontarju, hu 32. M'hawn imkien fid-dinja li ssib daqshekk kmamar tan-nar fi spazju daqshekk żgħir bħalma hi Malta, b'varjetà wiesgħa ta' logħob tan-nar. Dawn il-kmamar huma mistennija jipproduċu xogħol tan-nar tajjeb, imma ċertu festi jattiraw iktar l-attenzjoni tan-nies minn oħrajn. Għalkemm il-kalendarju tal-festi reliġjużi huwa mifrux matul is-sena, il-maġġoranza tagħhom jiġu ċċelebrati fl-istaġun tas-sajf, bejn Ġunju u Settembru.

Il-logħob tan-nar daħal fil-ħajja festiva tal-poplu Malti. Għalhekk kull meta l-Istat iħoss il-ħtieġa li jiċċelebra l-festi nazzjonali u oħrajn, fosthom il-Karnival, in-nar sar parti integrali ta' dawn il-manifestazzjonijiet. Ta' min isemmi wkoll li kull sena, l-Awtorità tat-Turiżmu tagħmel il-Festival tal-Logħob tan-Nar. Dan maħsub biex iqanqal lit-turist jersaq aktar lejn id-drawwiet tal-pajjiż li jżur fl-identità soċjoreliġjuża tal-poplu Malti (Coleiro 55).

Il-popolarità tal-logħob tan-nar kulma tmur dejjem tiżdied madwar id-dinja. Sakemm tibqa' hekk l-ispettakli jibqgħu jiġu gawduti minn kulħadd biex jimmarkaw attivitajiet soċjali, reliġjużi, sportivi, u politiċi fuq livell nazzjonali u internazzjonali. Kulħadd konvint li ma nistgħux nimmaġinaw il-festi folkloristiċi tagħna mingħajr il-logħob tan-nar, li jpaxxi l-għajn b'dawk il-kuluri mżewqa tiegħu. L-attività piroteknika f'pajjiżna hija wkoll b'saħħitha u għandha futur promettenti u eċitanti. Dan kollu jibqa' jekk inkunu aktar konxji tas-sengħa li jkun hemm wara kull murtal li naraw u nissapportjaw lil dawn il-pirotekniċi, li jagħtu lura xogħol innovattiv, li jispikka u jisboq lix-xena internazzjonali. B'hekk attivitajiet bħal dawn jagħtu mhux biss unur lill-pirotekniċi Maltin imma wkoll lill-ħiliet pirotekniċi ta' pajjiżna.

TMIEM

**Biblijografija**


- Aquilina, Isaac, "In-Nar f'Ħal Għargħur: Storja ta' Raħal u ftit tagħrif ġenerali." Malta: Bonnici P., 2010. Stampat.
- Coleiro, Charles. "Il-Festi Tagħna", Malta: PIN, 2003. Stampat.
- Farrugia, Godfrey. *Pyrotechnic Malta.* Malta: Best Print, 2012. Stampat.
- Lancaster, Ronald. *Fireworks: Principles and Practice* (it-3et ed.i). L-Istati Uniti: *Chemical Publishing Co., Inc.,* 1998. Stampat.
- Mallia, Phyllisienne. 'Il-Logħob tan-Nar: Stħarriġ Etnografiku bi Glossarju.' Teżi tal-BA (Unuri). L-Università ta' Malta, 2008. Stampata.